**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 1 - IT-TNEJN 12 TA' LULJU 2010**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis- 6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | Chairperson |
| | Joseph Woods | Viċi-Chairperson |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru (wasal fis-6:43pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi-Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. INTRODUZZJONI GĦALL-EWWEL LAQGĦA**

1.1. Minħabba li sa dak il-ħin kien għad m'hemmx l-aċċettazzjoni taċ-Chairperson, is-SE stieden lis-Sinj. Muscat biex tiftaħ il-laqgħa u tagħmel introduzzjoni qasira.

1.2. Fl-introduzzjoni hija introduċiet lilha nnifisha filwaqt li appellat għal ħidma favur il-komunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq (BIĊ).

**2. ĦATRA/AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGI TA' CHAIRPERSON U VIĊI-CHAIRPERSON**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li kien talab kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba li deherlu li l-liġi ma kinitx titkellem ċar biżżejjed speċjalment fil-konfront tal-kariga tal-viċi. Huwa qara r-risposta li kienet tgħid li Chairperson toqgħod il-persuna li tkun kisbet l-aktar voti fl-ewwel għadd minn dak il-partit li jkun kiseb il-maġġoranza ta' siġġijiet filwaqt li l-Viċi toqgħod il-persuna li tkun kisbet it-tieni l-aktar ammont ta' voti fl-ewwel għadd mill-istess partit li kiseb il-maġġoranza ta' siġġijiet. Huwa għalhekk li s-Sinjuri Cuomo u Woods huma l-kandidati li għandhom jinħatru Chairperson u Viċi-Chairperson rispettivament.

2.2. Imbagħad is-Sinjuri Cuomo u Woods iffirmaw l-ittra tal-aċċettazzjoni għall-karigi rispettivi.

2.3. F'dan il-ħin wasal is-Sur Bonello. Huwa skuża ruħu minħabba li wasal tard minħabba li nqabad xogħol.

**3. IL-PJAN U L-BAĠIT GĦAL BIĊ**

3.1. Is-SE ippreżenta l-allokazzjoni kif tqassmet mid-Dipartiment flimkien ma' indikazzjoni ta' kif jirrifletti ma' dak tal-Kunsill.

3.2. Is-Sur Woods ġibed l-attenzjoni għall-importanza li jsir Pjan serju għaliex fuq dan jiddependi kif se jaħdem il-Kumitat għall-futur. Huwa kompla li jeħtieġ li BIĊ jiġi fuq l-istess livelli ta' lokalitajiet oħra u ma jibqax ikun hemm in-nuqqasijiet bażiċi li hemm fil-preżent f'BIĊ.

3.3. Il-Kumitat għalhekk qabel li kull membru għandu jissottometti l-ħsibijiet tiegħu biex ikun ifformulat il-Pjan. Dawn jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 4. IL-PROĠETT TAL-PJAZZA FI TRIQ IX-XAMBEKK

4.1. Il-Kumitat qabel li, filwaqt li wieħed għandu jistenna l-permess mill-MEPA, li jidher li hemm ir-rakkomandazzjoni biex ikun approvat, għandhom isiru ittri ta' insistenza mal-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Ministru tal-Finanzi biex ix-xogħol ikun jista' jsir kemm jista' jkun malajr.

4.2. Fl-ittri għandha ssir enfasi kbira fuq il-fatt li l-proġett huwa bżonjuż ħafna biex tinbena l-identità u s-sens komunitarju ta' BIĊ.

## 5. IL-ĦITAN MADWAR IL-PLOTS

5.1. Iċ-Chairperson tkellmet fuq il-bżonn li kull biċċa art fil-qalba ta' BIĊ għandha tkun imnaddfa u mdawra b'ċint skont il-liġi.

5.2. Is-SE, filwaqt li spjega l-proċedura, informa li mill-uffiċċju saru numru ta' talbiet lill-MEPA iżda mhux normali li jkun infurmat xi jkun qed isir. Huwa talab liċ-Chairperson biex tipprepara lista kompluta ta' fejn hemm sitwazzjonijiet simili ħalli jkun jista' jqabbel ma' dik tal-uffuċċju ħalli wara tkun tista' ssir insistenza dwarhom mal-awtoritajiet konċernati.

5.3. Is-Sinj. Cuomo qablet li tipprepara l-lista.

## 6. LAQGĦA MA' UFFIĊJALI TAL-ISCOUTS TA' B'KARA

6.1. Iċ-Chairperson ipproponiet li ssir laqgħa mal-uffiċjali tal-i*scouts* ta' B'Kara minħabba l-ilmenti li qed ikun hemm dwar l-użu tal-art tagħhom għalkemm riċenti kien hemm attività li ma ħolqietx problemi.

6.2. Filwaqt li l-Kumitat qabel li tkun organizzata l-laqgħa kien hemm qbil ukoll li għandha ssir ittra lill-awtoritajiet ħalli meta jasal iż-żmien il-kuntratt ma jerġax jiġġedded.

6.3. Is-Sinj. Cuomo ippreżentat kopja tal-kuntratt iżda ma kellhiex l-estent tal-art indikat u għalhekk is-SE wiegħed li jara kif jipprovdi l-kuntratt komplut.

## 7. LAQGĦA MAL-PROPJETARJI TAL-ISTALEL TAŻ-ŻWIEMEL

7.1. Iċ-Chairperson ipproponiet li ssir laqgħa mal-propjetarji tal-istalel taż-żwiemel minħabba fl-inkonvenjent li qed iħallu bil-ħmieġ tagħhom kull darba li jgħaddu minn BIĊ.

7.2. Is-SE informa li xi xhur ilu kienet saret laqgħa magħhom fejn attendiet is-Sindku. Huma kienu ġabu diversi argumenti li jekk ikollhom il-faċilitajiet kienu jippreferu li jgħaddu minn xi'mkien ieħor. Huwa fakkar li skont l-informazzjoni li għandu għad m'hemm l-ebda liġi li tirregola dan u l-unika waħda li kienet saret kienet dik għall-karozzini u li s'issa għadha ma ġietx fis-seħħ.

7.3. Il-Viċi-Sindku wkoll semma li kellu laqgħa ma' wħud minnhom u li fiha esprimew l-istess ħsibijiet.

7.4. Fuq mistoqsija li saret is-SE informa li, minkejja li Wasteserv kienet qalet li pprovdiet il-faċilitajiet, ir-realtà kienet differenti anzi kien hemm periklu għaż-żwiemel. Skont li kien ħareġ ukoll mil-laqgħa ma kienx tajjeb għaż-żwiemel li ddawarhom fl-istess post.

7.5. Kien hemm qbil għalhekk li ssir talba għal din il-laqgħa.

**8. BŻONN TA' DWAL FI TRIQ ANTON MANWEL CARUANA**

8.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-bżonn ta' dwal fi Triq Anton Manwel Caruana. Is-SE informa li r-responsabbiltà ta' dwal ġodda hija f'idejn il-Kunsill. F'dan il-każ diġà kien beda proċess biex ikollna l-istimi neċessarji iżda minħabba li skont il-parir tal-Inġinier bħala Kunsill kien jinvolvi ammont ta' spejjeż inkluż ta' trinek, u minħabba li l-Kunsill kien addotta s-sistema li jagħmel bozoz fejn hemm il-bżonn li iżda ma jinvolvix spejjeż kbar biex jakkomoda aktar residenti bil-fondi limitati, kien tħalla kollox wieqaf. Huwa għalhekk wiegħed li jipprovdi aktar informazzjoni filwaqt li jekk ikun hemm il-ħtieġa jiltaqa' l-Inġinier mas-Sinj. Cuomo fuq il-post.

**9. IS-SITWAZZJONI TAL-ISKIPS**

9.1. Kien hemm qbil li s-sitwazzjoni tal-iskips tal-iskart imħallat hija ħażina ferm.

9.2. Iċ-Chairperson infurmat li qed isir użu ferm ħażin tagħhom u saħansitra qed jintefgħu fdalijiet ta' annimali fi wħud mill-iskips. Dan kollu minkejja d-diversi ittri li saru lir-residenti.

9.3. Kemm iċ-Chairperson kif ukoll is-Sinjura Vella kkonfermaw li kienu ħafna r-residenti li talbuhom biex l-iskips jitneħħew u għalhekk kienu qed jipproponu li jitneħħew immedjatament.

9.4. Is-Sur Woods ippropona li l-ewwel għandna naraw ir-reazzjoni tar-residenti u għalhekk kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-residenti kollha tinfurmahom li huwa l-ħsieb tal-Kumitat li jneħħi l-iskips tal-iskart imħallat u li jekk għandhom xi kummenti jgħadduhom ħalli tittieħed id-deċiżjoni finali mill-Kumitat.

9.5. Il-Viċi-sindku rrimarka li l-iskips tal-iskart imħallat għandhom il-logo tan-Naxxar l-antika. Is-SE informa li dawk suppost li ilhom li nbidlu. Huwa talab lis-Sinj. Cuomo tikkonfermalu eżatt ħalli jikteb lil Green MT dwarhom.

**10. REVIŻJONI FIS-SISTEMA TAT-TRAFFIKU**

10.1. Kien hemm qbil li l-Kumitat għandu jistudja l-possibilità ta' reviżjoni fis-sistema tat-traffiku. Għal dan il-għan, għalkemm mhux b'mod urġenti, se jiltaqgħu fuq il-post iċ-Chairperson u s-SE biex jaraw xi bżonnijiet hemm ħalli jkunu jistgħu jħejju l-proposta għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat.

**11. SKEMI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

11.1. Fir-rigward tal-inizjattivi Lokalitajiet Indaf is-Sinj. Cuomo talbet lis-Sur Woods jispjega l-ħsibijiet tiegħu. Huwa informa li l-ħsieb tiegħu kien li jinvolvi lit-tfal f'attività li toħroġ ukoll il-kreattività tagħhom.

11.2. Kien hemm qbil li din għandha tkun organizzata imma finalment tkun amalgamata mal-inizjattiva tal-Kunsill.

11.3. Dwar l-iskema ta' proġetti s-Sur Woods spejga li l-ħsieb tiegħu huwa li jkun hemm proposta li toħroġ BIĊ bħala post/ċentru ta' komunikazzjoni. Huwa spjega li hemm diversi fatturi li jagħmlu BIĊ post ta' komunikazzjoni fosthom il-links bil-kejbils mill-baħar, il-Widna, il-lok taż-żona nnifsu u oħrajn.

11.4. Is-SE talab li jittieħdu inkonsiderazzjoni wkoll xi ħitan tas-sejjieħ.

11.5. Kien hemm qbil li kull membru għandu jiċċirkola l-ħsibijiet tiegħu ħalli toħroġ proposta konkreta fl-iqsar żmien possibbli minħabba li trid tkun sottomessa ittra sal-20 ta' Awwissu.

11.6. Is-SE appella biex, minħabba li l-proġett irid ikun lest sal-aħħar tas-sena, għandhom ikunu evitati f'dan l-istadju proġetti li jirrikjedu permessi partikulari.

**12. ĦWEJJEĠ OĦRA**

12.1. Iċ-Chairperson ippreżentat numru ta' ritratti lis-SE ta' ħmieġ li hemm akkumulat fi Triq Xatt il-Palm. Ritratt ieħor kien juri l-bżonn ta' siġra ficus biex tinżabar u ritratt ieħor ta' tappiera mkissra. Dawn kollha kienu fl-istess triq.

12.2. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni ta' ġebel li ntefa' fil-ħamrija minn individwu meta minflok suppost kellu jitfa' ħamrija.

12.3. Saret talba lis-SE biex issir ittra lill-propjetarju ta' Marley's biex inaddaf il-ħmieġ li jħallu l-klijenti tiegħu u possibilment għandu jpoġġi bins.

12.4. Is-Sinj. Vella rrimarkat dwar attività ta' tombla li qed issir ħdejn Ronnie's Bar u li kaġun t'hekk qed ikun imblukkat l-aċċess għall-baħar. Is-SE wiegħed li jindaga dwar x'tip ta' permessi hemm.

12.5. Is-Sinj. Vella ġibdet l-attenzjoni wkoll li l-istess Ronnie's Bar allegatament qed iwaddab ħmieġ minn taħt il-grada fuq il-bajja/baħar. Is-SE informa li appena jkollu aktar informazzjoni dwar x'tipi ta' permessi għandu jibda jieħu l-passi meħtieġa.

12.6. Issemma li hija ħasra li hemm il-kappella l-antika fiż-żona tal-gabbana tal-ġelati li hija fi stat t'abbandun.

12.7. Is-SE ta informazzjoni lill-membri dwar il-ġemellaġġ li se jsir ma' Mornago u ħeġġiġhom jipparteċipaw. Huwa wiegħed li jibgħatilhom programm taż-żjara tad-delegazzjoni (magħmula minn 40 persuna) li se ssir bejn l-4 u t-13 ta' Awwissu 2010.

**13. TMIEM IL-LAQGĦA**

13.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa is-SE talab li tkun stabbilita data għal-laqgħa li jmiss iżda huwa fakkar biex wieħed iżomm quddiem għajnejh l-impenji biż-żjara tad-delegazzjoni. Kien hemm qbil unanimu li d-data tkun stabbilita aktar tard speċjalment fid-dawl li fl-ewwel laqgħa ġew trattati diversi suġġetti importanti.

13.2. Il-laqgħa intemmet fit-19:50pm.

| | |
|---|---|
| **Mary Anne Cuomo** | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |